**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**-vs-**

**Bojan Udovicic, detentur tan-numru tar-Refcom 36927.**

***Kumpilazzjoni Nru. 535/2024***

Illum, 2 ta' Lulju, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Bojan Udovicic** u ċioè talli:

> Fl-ewwel (01) jum ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) f'xi ħin bejn in-nofsiegħa (00:30am) u l-erbgħa (04:00am) ta' filgħodu ġewwa Welbee's Supermarket, li jinsab Campus Hub, Triq Roberto Ranieri Costaguti, Msida u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:
>
> 1. Ikkommetta serqa ta' flus u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u ħin, u dan sar għad-detriment ta' Welbee's Supermarket u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur *tal-Artikoli 261(b)(f), 263(a), 264(1), 270, 278(1) u 278(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> 2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma kienitx tiskorri l-mitejn u ħamsin euro (€250) u dan bi ksur *tal-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> 3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, kiser volontarjament il-bon-ordni

jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-*Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta*;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u/jew 28H tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma lum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-ammont ta' ħsara kien ta' mitt Ewro (€100).

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) moqri flimkien mal-artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset il-fedina penali netta tal-imputat, in-natura tar-reati li jinsab mixli bihom kif ukoll taċ-ċirkostanzi tal-każ. Ġie kunsidrat li t-tieni imputazzjoni serviet bħala mezz ai fini għall-ewwel imputazzjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 261(b)(f), 263(a), 264(1), 270, 278(1)(2), 325(1)(ċ) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal **sena (1) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal sentejn (2) millum.

Ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali tordna lil-imputat iħallas is-somma ta' mitt ewro (€100) lil parte leża fi żmien *xahar* millum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**